

Lil Andrea, Kbir Appostlu
Jixraq wisq li nonoraw
U bħala protettur tagħna
Lilu mmorru nimitaw.

# Il-Preċett tat-tfal fil-bidu tas-Seklu 20 f'Ħal Luqa

George Bondin

Hekk kienu jsejħulha dik il-ġurnata li fiha it-tfal jirċievu l-Ewwel Tqarbina kif ħafna għadhom isejħulha llum ukoll. F'dan l-artklu se nagħtu ħarsa dwar kif kienu fl-antik jiċċelebraw din il-ġurnata tant importanti mhux biss għat-tfal infushom imma wkoll għall-ġenituri, qraba u l-komunità kollha. Din l-informazzjoni qed noħodha dirett minn wieħed mill-manuskritti *Storja ta' Ħal Luqa* miktub mill-istoriku Noe Ciappara fuq l-inizjattiva tal-Avukat Joseph Sapiano.

## Kif kienet issir din il-festa?

Il-festa tal-preċett fil-bidu tas-seklu 20 kienet issir fil-*Pentecoste* fil-Parroċċa ta' Ħal Luqa. Il-Kappillan Vella ta' dak iż-żmien kien iħobb ħafna din il-festa. Bi preparazzjoni għal dan il-jum il-kappillan kien jiġbor lit-tfal bniet u subien nhar l-Erbgħa, l-Ħamis u l-Ġimgħa, wara l-barka ta' filgħaxija fil-knisja u jagħmlilhom bħal eżerċizzi bi preparazzjoni.

Din iċ-ċelebrazzjoni kienet tibda minn kmieni filgħodu tant illi fil-5.00 ta' filgħodu mill-knisja parrokkjali kienet iddoqq mota bil-qanpiena l-kbira. L-istess kien isir mill-kappella tal-ftajjar minn fejn kienu jiltaqgħu t-tfal bniet u subien lebsin bl-isbaħ ilbies għal din il-festa tagħhom. Il-bniet kienu jkunu lebsin libsa bajda sa ftit l-isfel mill-irkubtejn b'kalzetti u żarbun abjad u b'mant fuq rashom abjad imdendel għal fuq spallejhom. Is-subien kienu jkunu lebsin il-qalziet abjad ftit il fuq minn irkubtejhom u ġakketta bajba, b'ċoff abjad mal-għonq. Fuq il-ġakketta kien ikollhom medalja biż-żigarella ħamra. Kienu jieħdu sehem ukoll tfal oħra li jkunu ġà għamlu l-preċett snin qabel. Għalhekk dawn biex jintgħarfu kienu jilbsu l-midalja fuq il-ġakketta imma b'żigarella ċelesta. L-istess kien isir għall-bniet.

Kif kienu jinġabru t-tfal kollha fuq iz-zuntier tal-ftajjar kienu jiffurmaw *korteo* - l-ewwel kienu jimxu wara l-bandalora t-tfal subien tal-Ewwel Tqarbina imbagħad warajhom it-tfal l-oħra u l-istess għall-bniet. Waqt il-*korteo,* li kien jitlaq mill-kappella tal-ftajjar għall-knisja parrokkjali, it-tfal lebsin kollha l-abjad kienu jkantaw xi innijet filwaqt li fil-ġnub kien ikun hemm il-ġenituri, qraba u n-nies tar-raħal jiggustaw lil dawn it-tfal li tistħajjilhom anġli tas-sema b'dik it-tbissima, waqt li jkantaw b'dik il-




Tfal subien u bniet tal-ewwel tqarbina fuq iz-zuntier tal-Kappella tal-Ftajjar fis-sena 1917, flimkien ma' Dun Ġorġ Sapiano qabel il-korteo.

vuċi allegra u ħelwa tagħhom.

Dawn l-innijet kien kitibhom il-Kappillan Vella li kien jieħu pjaċir jorganizza din il-ġurnata b'mod grandjuż. Gimgħatejn qabel kienu jsiru l-kunċerti fil-kappella, sabiex it-tfal jitgħallmu jkantaw dawn l-innijet għal waqt il-*korteo*.

O x'kuntentizza, oh xi pjaċir
Qalbna mimlija fil-ferħ sat-tir.

Bil-fjuri u l-ward
Fl-idejn minn tagħna
Girlandi maqgħuda
Neħduwhom magħna.

O x'kuntentizza, oh xi pjaċir
Qalbna mimlija fil-ferħ sat-tir.

Għal ġewwa l-knisja
Aħna neħduhom
F'riġlejn l-artal
Aħna nqegħduhom.

Hekk kif il-*korteo* jasal fil-knisja parrokkali minn fuq l-orgni kont tisma' kor tat-tfal ikantaw innijiet sagri bit-taljan filwaqt li t-tfal tal-preċett kienu jitilgħu f'riġlejn l-artal tnejn tnejn u jpoġġu bukketti tal-ward u x-xemgħa fuq it-tarġiet tal-artal lil Ġesù Sagramentat.

Il-quddiesa kien iqaddisha dejjem il-kappillan u tkun animata bil-kant tat-tfal immexxija mill-organista li dak iż-żmien kien is-surmast Vincenzo Caruana.

Qabel it-tqarbin tifel magħżul apposta kien ikanta l-*Confiteor*, li bil-kant ħelu tal-vuċi tiegħu kien ikompli jimla bil-ferħ l-qlub ta' dawk it-tfal u l-kbar. Il-quddiesa kienet tispiċċa bil-kant tat-*Te Deum*. Wara l-quddiesa l-ġenituri kienu jħaddnu magħhom lit-tfal u jiħduhom id-dar sabiex jieħdu xi ħaġa minħabba li sa dak il-ħin kienu jkunu għadhom sajmin.

Sas-sena 1913 t-tfal kollha kienu jerġgħu jinġabru fil-knisja wara nofsinhar fejn jiffurmaw *korteo* ieħor u jitilqu għar-razzett




It-tfal bniet tal-ewwel tqarbina flimkien mal-kappillan Dun Anton Vella u Dun Ġorġ Sapiano fil-bitħa tad-dar tal-Kappillan fis-sena 1915.



Il-knisja tal-Vittorja f'Ħal Farruġ fl-inħawi msejħa 'Ir-roqgħa' fejn it-tfal kienu jmorru xalata wara nofsinhar fil-jum tal-Preċett.

tal-maxku fejn kien hemm bitħa kbira u hemmhekk jieħdu ritratt il-grupp tas-subien imbagħad tal-bniet. Din l-użanza fl-1914 inbidlet għaliex il-Kappillan Vella xtaq li jkabbar din il-festa. Ir-ritratt tal-grupp kien qed jittieħed fil-bitħa tad-dar tal-Kappillan propju wara l-quddiesa. Wara nofsinhar imbagħad it-tfal kienu jinġabru l-knisja sabiex tingħata l-barka sagramentali u wara jmorru x-xalata. Kienu jiffurmaw *korteo* akkumpanjati mill-ġenituri tagħhom u ħafna nies oħra fejn kienu jkantaw xi innijet oħra fost il ferħ u l-allegrija tat-tfal sa ma jaslu l-knisja tal-Vitorja ta' Ħal Farruġ.

Eviva, eviva ngħajtu
ingħajtu lkoll flimkien
illum il-festa tagħna
niġru ma' kullimkien
u talli qgħadna kwieti
u mmorru id-duttrina
xalata sejrin immorru
u premju jkollna strina.

Eviva, eviva ngħajtu
ingħajtu lkoll flimkien
illum il-festa tagħna
niġru ma. Kullimkien.
Eviva mmela ngħajtu

illum kulħadd ferħan
għax premju sejrin nirċievu
mingħand il-kappillan.

X'ħin it-tfal u l-ġemgħa kienu jaslu ħdejn il-knisja tal-Vitorja kienu jkantaw il-litanija tal-Madonna u wara kienu joħorġu fuq iz-zuntier minn fejn it-tfal imdaqqsa kienu jirreċitaw xi poeżija w kant ieħor minn fuq pulptu żgħir li kien jintrama apposta. Il-Kappillan kien iqassam is-santa ta tifkira tal-*Prima Comunione* billi jsejjaħ b'isimhom lit-tfal tal-Ewwel Tqarbina minn hemm u jagħti wkoll xi premjijiet lil min kien jimmeritah.

Kien iqassam ukoll premjijiet lill-katekisti. Dawn il-premjijiet kienu jkunu xi santa kbira jew kwadru żgħir u anke xi labtu kbir tal-ħarir abjad irrakmat.

F'dawn l-inħawi li qed insemmu dak iż-żmien kien jissejjaħ ir-roqgħa u l-Kappillan kien itella' lit-tfal fuq il-bejt tal-knisja tal-Vitorja biex minn hemm jurihom ir-raħal ta' Ħal Luqa kif ukoll il-ġmiel tal-egħlieqi u s-sbuħija tan-natura hekk kif ix-xemx tkun bdiet nieżla. Hawnhekk il-Kappillan kien jieħu l-okkażjoni sabiex ifakkar lit-tfal fuq il-ħolqien u li din is-sbuħija kollha tan-natura ġejja minn Alla l-ħallieq ta' kollox. Il-festa tal-preċett kienet tispiċċa bl-*Ave Maria* u wara t-tfal, flimkien mal-ġenituri, kienu jerġgħu lura r-raħal.

Din kienet il-ġurnata tal-preċett kif jirrakkontaha Noè Ciappara f'wieħed mill-manuskritti tiegħu Storja ta' Ħal Luqa. Żgur li llum il-festa tal-Ewwel Tqarbina tiġi ċċelebrata b'mod differenti iżda wieħed jinnota li xi tradizzjonijiet għadhom isiru.

Noè Ciappara kiteb l-istorja ta' Ħal Luqa fuq diversi manuskritti li ġentilment ġew mislufa lilna mill-Avukat Joseph Sapiano.



Il-korteo tat-tfal tal-ewwel tqarbina flimkien mal-membri tal-MUSEUM fis-sena 1935.